**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 3 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 300/2000 AJM

Kawza numru 30

Accent Clear Traders Company Limited

Vs

Cole Foods Limited u r-Registratur tal-Qorti.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-16 ta' Frar 2000 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi b'citazzjoni fl-ismijiet "Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited" (Citazzjoni Numru 2029/95 FGC) ippresentata fis-27 ta' Novembru 1995, is-socjeta' konvenuta Cole Foods Limited talbet illi din il-Qorti tiddikjara illi x-xoghol maghmul mis-socjeta' attrici Accent Clear Traders Company Limited fuq inkarigu tas-socjeta' Cole Foods Limited ma sarx skond l-arti u s-sengha u ma kienx tal-kwalita' pattwita u konsegwentement l-istess socjeta' Cole Foods Limited talbet il-likwidazzjoni u hlas tad-danni

konsegwenzjali sofferti minnha minhabba dan ix-xoghol hazin; illi b'sentenza tal-4 ta'Gunju 1999, din il-Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni preliminari tar-'res gudicata' u cahdet it-talbiet attrici f'dik l-istanza bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' Cole Foods Limited, konvenuta f'din il-kawza; illi l-valuri, ghall-finijiet tat-taxxa tal-ispejjes u drittijiet gudizzjarji dovuti mis-socjeta' konvenuta Cole Foods Limited, m'humiex determinabbli mit-talbiet elenkati fl-att tac-citazzjoni numru 2029/95 FGC fl-ismijiet hawn fuq premessi; illi nonostante interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u determinazzjoni tal-valur imsemmi, is-socjeta' konvenuta Cole Foods Limited baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi; illi ghalhekk jinhtieg li dawn il-valuri jigu determinati mill-Qorti sabiex il-konvenut Registratur tal-Qorti jkun jista' jillikwida u jintaxxa l-ispejjes gudizzjarji dovuti fir-rigward tal-kawza hawn fuq citata; talbet li din il-Qorti:-

1. tillikwida u tiddetermina l-valuri relattivi ghall-fini tat-taxxa tal-ispejjes u drittijiet gudizzjarji konnessi mal-kawza fl-ismijiet "Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited" (Citazzjoni numru 2029/95 FGC) deciza fl-4 ta' Gunju 1999;
2. tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex ghab-bazi tal-valuri hekk determinati jintaxxa u jillikwida l-ispejjes u d-drittijiet gudizzjarji dovuti in konnessjoni mal-imsemmija kawza.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta Cole Foods Limited illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta' attrici.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta presentata fis-17 ta' Marzu 2000 li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt fid-dritt stante illi l-kawza fl-ismijiet "Cole Foods Limited va Accent Clear Traders Company Limited" (Citaz. Nru 2029/95 FGC) giet deciza fuq punt ta' ligi u konsegwentement l-valuri ma gewx likwidati u ma humiex determinabbli ghall-finijiet ta' taxxa ta' drittijiet u spejjes.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta' konvenuta.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qorti presentata fil-21 ta' Marzu 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Kwantu diretta kontra taghha, l-eccipjenti mhix il-legittima kontraditrici u ghalhekk hija ghandha tinheles mill-harsien tal-gudizzju peress illi, skond l-istess talba attrici, il-pendenza dwar likwidazzjoni u determinazzjoni hija kwistjoni bejn l-attur u l-konvenut l-iehor Cole Foods Limited.
2. Illi t-talba ghall-ordni lill-eccipjenti sabiex hija tintaxxa u tillikwida l-ispejjes u d-drittijiet gudizzjarji mhix necessarja peress li tirrizulta mil-ligi u illi l-eccipjenti hija regolata li hekk taghmel mill-istess ligi *si et quatenus*.
3. Illi l-eccipjenti tirrimetti ruhha ghall-eventwali gudizzju ta' din il-Qorti u hija ma ghandhiex tbati spejjes.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tar-Registratur tal-Qorti.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-5 ta' April 2000 meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-23 bta' Ottubru 2000 sabiex tigi trattata "l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut".

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Ottubru 2000 meta ordnat li jigu allegati l-atti tal-kawza u s-sentenza fil-proceduri fl-ismijet fuq imsemmija.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-25 ta' April 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur sollevata mir-Registratur tal-Qorti u dana wara li l-attur iddikjara li ma kellux provi xi jressaq fir-rigward u l-konvenut ma deherux.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Dawn il-proceduri huma konsegwenza ta' proceduri ohrajn istitwiti mis-socjeta' konvenuta odjerna kontra s-socjeta' attrici li permezz taghhom il-Qorti kienet mitluba tiddikjara lis-socjeta' Accent Clear Traders responsabbli ghad-danni minhabba indaempjenza kuntrattwali u li tigi kundannat thallas dak l-ammont li jigi likwidat in linea ta' danni. Gara pero' li il-proceduri imsemmija qatt ma waslu ghall-istadju tal-likwidazzjoni tad-danni billi b'sentenza tal-4 ta' Gunju 1999, il-kwistjoni giet determinata fuq punt legali billi l-Qorti irriteniet li bejn il-kontendenti kien hemm gja decizjoni f'sentenza precedenti li ostakolat l-preosegwiment tal-imsemmija proceduri.

Wara l-imsemmija sentenza tal-4 ta' Gunju 1999 jidher li s-socjeta' konvenuta f'dawk il-proceduri insistiet li l-ispejjes tal-kawza jigu intaxxati fuq il-mertu proprju u cioe d-danni li kienu qed jigu reklamati u mhux semplicement fuq l-eccezzjoni ta' natura legali li fil-verita' iddeterminat l-mertu ta' bejn il-kontendenti. U billi dawn id-danni qatt ma gew likwidati r-Registratur tal-Qorti ma setgha qatt jasal biex jintaxxa

l-kawza imsemmija "ad valorem". Kien ghalhekk li gew istitwiti dawn il-proceduri intizi sabiex jigi determinat fir-realta l-valur proprju tal-kawza deciza fl-4 ta' Gunju 1999 u konsegwentement tinhareg taxxa tad-drittijiet u spejjes a bazi taghha.

F'dawn il-proceduri gie mharrek ukoll bhala konvenut ir-Registratur tal-Qorti billi s-socjeta' attrici qedha tippretendi li dan jigi kundannat li jintaxxa u jillikwida l-ispejjes fil-kawza imsemmija fuq il-valur li jista jigi determinat minn din il-Qorti.

Fil-verita l-intaxxar tal-ispejjes gudizzjarji hija prerogattiva tar-Registratur tal-Qorti skond ma jipprovdi l-artikolu 64 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan l-ispejjes, skond l-artikolu 1004 tal-istess Kodici, "ghandhom jigu ntaxxati u mhallsa skond it-Tariffi fl-Iskeda A annessa mal-istess Kodici u skond regolamenti maghmula mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja" taht l-istess artikolu.

Li Skeda imsemmija telenka detaljatament kif ir-Registratur tal-Qorti ghandu jirregola ruhu sabiex jiddetermina l-ispejjes u d-drittijiet tad-diversi persuni involuti fi proceduri gudizzjarji, inkluzi ukoll l-ispejjes tar-Registru. Dan id-dmir tieghu ghalhekk huwa wiehed impost b'ligi u jipprexindi minn kull kwistjoni li tista' tqum bejn il-kontendenti dwar il-bazi tal-mertu tal-kawza. Infatti r-Registratur tal-Qorti jista' jkun involut biss wara li tinhareg taxxa ufficjali meta xi wahda mill-partijiet tikkontesta d-decizjoni tal-istess Registratur mehuda fuq ir-regoli enuncjati fl-istess tariffi (Art 64 tal-Kap 12). Meta ghal kuntrarju it-taxxa ma tkunx tista' tigi finalizzata billi l-mertu proprju tal-kawza deciza jkun soggett ghall-decizjoni tal-Qorti, ir-Registratur ma ghandux 'locus standi' f'dawk il-proceduri billi ma jkunx ghadu espleta l-obbligi tieghu skond

il-ligi u fi kwalunkwe kaz l-istess Registratur jkun dejjem marbut ma kull direttiva li tista' taghti l-istess Qorti fir-rigward. Kienet ghalhekk ragunata l-eccezzjoni tal-konvenut Registratur tal-Qorti fis-sens li huwa ghandu jinheles mill-harsien tal-gudizzju billi l-kwistjoni f'dawn il-proceduri tikkoncerna biss l-partijiet li kienu jifformaw parti fil-kawza deciza fl-4 ta' Gunju 1999.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Registratur tal-Qorti billi tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Onor Imhallef Albert J. Magri